Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,987, 13 ta' Novembru, 2012
Taqsima B

A.L. 387 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B. Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2012 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Commerce jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni waħdieni fi tnejn mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Accountancy, Banking and Finance, l-Ekonomija, Insurance, Management, Marketing, Public Policy, u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni bl-Unuri f'wieħed mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Banking and Finance, l-Ekonomija, Insurance, Management, Marketing, Public Policy u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (b) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"*jew* (b) jekk jagħżlu 'Banking and Finance' u jew 'l-Ekonomija' jew 'Insurance' jew 'Management' jew 'Marketing' jew 'Public Policy' bħala ż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni, għandhom ikollhom jew (i) is-Certificate in Banking taċ-Chartered Institute of Bankers (li jinkludi sitt suġġetti) u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; jew (ii) id-Diploma in Banking and Financial Services offruta mill-MCAST u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola."

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"14. L-istudenti jkunu eliġibbli biex jirreġisraw għat-Tieni Parti tal-Kors jekk huma:

jew

(a) itemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors u jikkwalifikaw fit-Tieni Kategorija jew aħjar fil-klassifikazzjoni għall-għoti tal-Bachelor of Commerce; u

(b) ikunu kisbu marka medja ta' mill-anqas 65% fit-taqsimiet studju tat-tieni u t-tielet sena meħudin fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul għat-Tieni Parti tal-Kors.

jew fil-Management bħala l-qasam ta' speċjalizzazzjoni jekk huma:

(a) jkollhom il-grad ta' Bachelor of Science in Business and Computing mogħti bil-Kategorija II jew aħjar; u

(b) jkunu kisbu marka medja ta' mill-anqas 65% fit-taqsimiet studju tat-tieni u t-tielet sena meħudin fil-qasam ta' studju tal-"Business" kif indikat fil-programm ta' studji."